# Kristu kun ir-Re

```
       A               D
Kristu Re li kont minn dejjem,
      E             A
Ibqa' fostna il-bnedmin
         A             D
Ma ddejjaqtx titħallat magħna,
         E          A
Għalkemm aħna midinbin.
       F#m            D
Int ir-Re li għallimt maħfra
        Bm           E
Flok tpattija tal-ħażin,
         F#m         D
La hemm ħbieb u anqas għadu
       Bm                E
Maħfra tistħoqq lill-bnedmin.

Rit: A                       Bm
     Kristu kun ir-Re f'kull m'aħna,
     E                      A
     Kun ir-Re tal-qalb u r-ruħ
     Bm
     Kun ir-Re li b'ferħ tilqagħna,
     B                     E
     Kun ir-Re li ttaffi d-dmugħ.
     D            E        F#m
     Aħna lkoll maħluqa għalik,
     D                              A
     M'hemmx mistrieħ jekk mhuwiex fik.

Kristu Re tal-ifqar faqar,
Akbar m'int, qdejt flok inqdejt,
U xejjint wiċċ il-kburija,
Biex bl-agħar tagħna mort tgħabbejt.
Mhuwiex faċli twettaq kliemek,
F'dinja frugħa, mingħajr serħ!
Madmad tqil għal wild id-dinja,
Imma 'l-qlub iqanqal b'ferħ!
```

A D E F#m Bm

